# Il-Konfraternità tal-Karmnu, 1622

**Giovanni Bonello**

*Ex-imħallef tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*

Meta staqsejt jekk xi ħadd qattx kiteb dwar il-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt, it-twegiba kienet li aktarx li le. Ħasra, għax din il-fratellanza għandha storja twila u tassew imżewqa, illum kważi minsija.

Tħajjart nagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas billi f'idejja għandi erbà manuskritti mimlijin tagħrif storiku dwar il-Konfraternità. Dawn il-manuskritti jiffurmaw parti minn sensiela kbira ferm ta' faxxikoli li kien ġabar u kiteb ir-Reverendu Dun Ġiuseppe Carmelo Gristi f' nofs is-seklu dsatax.[1] Il-karti huma kollha miktubin bit-Taljan, ħlief meta jikkupjaw xi dokument bil-Latin.

Fuq is-Saċerdot Gristi ma nafu kważi xejn, ħlief li għal xi żmien kien midħla sew tal-Konfraternità u sar ekonomu tal-legat Lo Re Cardona fl-1854; huwa kellu ħeġġa kbira li jikteb u jġemma dak kollu li jiltaqa' miegħu dwar l-istorja ta' Malta, ma kienx jinġieb mal-Isqof Francesco Saverio Caruana u kien fuq in-naħa patrijottika, anti-kolonjalista, tal-politika Maltija.

Is-seklu sbatax kien żmien ta' żvilupp kbir għal-konfraterniti Maltin marbutin ma xi kult reliġjuż partikolari; dawn bdew jitfaċċaw mal-gżira kollha, speċjalment fil-Belt Valletta. Kienu żmienijiet aktarx kwieti, meta l-kummerċ kien sejjer tajjeb u l-poplu Malti kien f'qadgħa ekonomika mhiex ħażina. Kien żmien meta n-nies kellha l-ħin u l-kumdità li taħseb f'affarijiet oħra barra mill-ġlieda għall-ħobżna ta' kulljum.

Dawn il-faxxikoli jikkonċentraw fuq tagħrif marbut mal-Konfraternità, imma ma jistgħax jonqos li fihom ukoll tagħrif dwar il-knisja u l-kunvent tal-Karmnu. Jidher li l-informazzjoni kollha li fihom, ir-Reverendu Gristi ħadha mill-arkivji uffiċjali tal-Konfraternità, u dawn il-karti jagħtu l-impressjoni li dawn l-arkivji huma kbar u dettaljati kemm jistgħa jkun. Qaluli li dawn l-arkivji għadhom jeżistu, u jekk huwa hekk jistħoqqilhom li jiġu preservati sew u jsiru l-oġġett ta' studju estensiv u speċjalizzat, wisq oltri minn dawn il-ftit notamenti li qed noffri illum. Jistgħu jkunu minjiera mhiex esplorata ta' tagħrif storiku, soċjali, demografiku, reliġjuż u artistiku.



Parti mill-arkivju li għandha l-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt.

L-ewwel li tissemma l-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt kien fl-1622, l-aħħar sena li fiha Alof de Wignacourt kien Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann u Prinċep ta' Malta. Ir-reġistru jgħid (bit-Taljan) "Illum, 13 ta' Frar 1622, it-tieni Ħadd tax-xahar u l-ewwel tar-Randan, ingħata bidu lill-Konfraternità, u fl-istess ġurnata saret għall-ewwel darba l-purċissjoni fil-Belt Valletta,



Il-Medaljun l-antik li kien jintlibes mir-Rettur f'purċissjonijiet u ċelebrazzjonijiet solenni.

bil-konfratelli". Din kienet l-ewwel fratellanza marbuta mal-knisja tal-Karmnu. Warajha ġew dawk ta' San Ġużepp, imwaqqfa tnax-il sena aktar tard, fil-5 ta' April 1634, imbagħad tal-Anġlu Kustodju, fl-1760, u tal-Beatu Franco, eretta fit-3 ta' Marzu 1806.[2]

It-tagħrif dwar l-ewwel seklu mhux abbundanti wisq: nafu li fis-16 ta' Mejju 1642 il-Konfraternità ġiet mogħtija biċċa art biex jinbena l-oratorju, bir-rabta li l-fratelli jlestu bi flushom il-bini tas-sagristija tal-knisja. Fil-15 ta' Diċembru 1650, il-fratelli ltaqgħu biex jagħżlu minn kien ser jagħmel il-prietki tal-Milied. Fil-9 ta' Awwissu 1654, is-Sinjura Agnesa de Burges għamlet testment li bih ħalliet legat qawwi lill-Konfraternità, li fuqu nerġgħu nitkellmu.

Dawn l-erba' faxxikoli fihom xi ismijiet ta' xi fratelli, ta' xi retturi tal-Konfraternità, il-kontijiet tal-quddies u suffraġi, tal-karitajiet u legati, tad-dħul u ħruġ, tal-proprjetà tal-Konfraternità, u xi tagħrif dwar opri ta' tisbiħ, tiżjin u tal-arti li saru b'inizjattiva tagħha jew tal-fratelli msieħba.

Hemm ħafna konfratelli imniżżlin b'isimhom, u l-biċċa l-kbira kienu nies li ma baqgħux jissemmew fl-istorja. Ftit huma dawk li nafu x'kienet is-sengħa jew il-professjoni tagħhom, jew fejn kienu joqogħdu (wieħed imniżżel li kellu żewġ ikmamar quddiem il-funtana tal-Mandraġġ). Xi kavallieri ukoll issieħbu fil-Konfraternità: fosthom xi uħud famużi sew, bħall-aħwa Raphael u Nicholas Cottoner li wara t-tnejn laħqu Gran Mastri, u l-Bali Pinto u Pappalardo. Il-fratelli ma kinux kollha Maltin: fil-1703 jissemma Tommaso Rutter li kien Ingliż, u Carlo Bordon '*di nazione Francese*' fl-1720. Fost l-ismijiet aktarx magħrufin insibu lil Cesare Passalacqua, l-ewwel Baruni ta' Budaq, sinjur u benefattur kbir, rettur fl-1684,



Il-Medaljun li qed jintuża llum mir-Rettur.



Nicholas Cottoner, li kien Granmastru tal-Ordni ta' San Ġwann bejn l-1663 u l-1680. Flimkien ma' ħuh, Raphael Cottoner, li kien ukoll Granmastru bejn l-1660 u l-1663, kienu Konfratelli fil-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt.

il-pittur Ġiuseppe D'Arena fl-1712, l-arġentier prim Michele Pianta fl-1725, Gabriele Henin professur imsemmi tal-kirurgija u l-anatomija, fl-1741, u Dr Calcedonio Parnis, rettur fl-1861.

Wieħed mill-faxxikoli fih deskrizzjoni dettaljata ta' dak li kien l-oratorju oriġinali tal-Konfraternità, li jixraq nittradućih sħiħ. "Il-fratelli akkwistaw mingħand il-patrijiet żewġt ikmamar mill-kunvent tagħhom, dawk li huma fir-refettorju, jew, biex tgħid aħjar, fuq ir-refettorju tagħhom, biex jagħmlu oratorju privat fejn ikunu jistgħu jitolbu; il-patrijiet, fil-kuntratt tal-għoti taċ-ċens fl-atti ta' Ambrogio Sciberras tal-10 ta' Lulju 1622(?), żammew id-dritt li jpartu mal-imsemmija Konfraternità l-imsemmija kmamar li fl-antik kienu iservuhom ta' oratorju u fis-16 ta' Mejju 1642 fl-atti tan-Nutar Vella (Michele jew Pietro?) l-imsemmija patrijiet assenjaw lill-istess fratelli flok l-imsemmija kmamar, post ieħor ħdejn l-altar maġġur tal-knisja prinċipali, għall-istess ċens ta' sitt skudi fis-sena, f'liema post ġie mibni l-oratorju tal-lum a spejjeż tagħhom, ċioè tal-Konfraternità, kif ukoll is-sagristija tal-imsemmija patrijiet, a spejjeż tal-Konfraternità.



L-Oratorju preżent, xhieda ħajja tad-devozzjoni u l-imħabba li l-Konfraternità dejjem kellha lejn il-Madonna tal-Karmnu.

"L-oratorju huwa sabiħ ferm imħabba l-iskultura u l-induraturi li fih; it-tul huwa ta' sitt *braccia* u erba' *palmi*, u l-wisgħa ta' tliet *braccia* u żewġ *palmi*, qiesien ta' Malta, inkluż il-presbiterju. Fil-prospett hemm in-niċċa bl-istatwa tal-injam indurata magħmula a spejjeż tal-Konfraternità ċirka s-sena 1735. Din l-istatwa titneħħa minn dan il-post u tittieħed fil-purċissjoni f'jum il-festa tal-Imqaddsa Verġni tal-Karmnu, fl-ottava, u kull meta jsiru il-purċissjonijiet biex tagħmel ix-xita.



L-ewwel statwa tal-Madonna tal-Karmnu li saret mill-Fratellanza. Din l-istatwa kienet tintuża f'Jum il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu, fl-Ottava u kull meta jsiru purċissjonijiet biex tagħmel ix-xita.



Ex-voti tal-fidda li jiksu l-ħitan ta' dan l-Oratorju





Il-Kwadri li jirrappreżentaw il-Milied u l-Epifanija xogħol Ġużeppi D'Arena (1633-1719) u saru fl-1712 b'rigal lill-Fratellanza mill-pittur peress li kien ukoll fratell fil-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt. Dan huwa kkonfermat minn skrizzjoni li tidher impingija taħt il-Madonna fil-kwadru ta' l-Adorazzjoni tal-Magi. Illum dawn il-kwadri jinsabu fil-Kor tas-Santwarju. Għall-Milied tal-1986 dawn il-kwadri kienu ntgħażlu mill-Posta ta' Malta biex ikunu riprodotti fis-sett ta' bolol li kienu ħarġu għall-Milied ta' dik is-sena.

"F'nofs il-presbiterju hemm lampier tal-fidda li jiġi mixgħul kull nhar ta' Erbgħa u l-Ħdud tas-sena, fil-festi u fil-ġranet meta hemm d-dmir li tisma l-quddies, a spejjeż tal-Konfraternità, minn filgħodu sa filgħaxija."

"Il-pittura fil-presbiterju, ossija fis-saqaf, saret a spejjeż tal-Bali Pinto."

"Fuq il-kattedra u fuq il-pulptu jinsabu żewġ kwadri sbieħ impinġija mill-famuż pittur Ġiuseppe D'Arena, li huma it-*Twelid* (ta' Kristu), u l-*Adorazzjoni tal-Maġi*."

"Hemm erba' kwadri iżgħar fil-ġnub tal-oratorju, u ieħor fis-saqaf, li jirrappreżenta l-Kunċizzjoni."

"Seba' nkwatri oħra tal-Konfraternità jirrappreżentaw il-*Misteri tal-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu*, mogħtija minn diversi fratelli, u żewġ kwadri oħra taħt l-orgni, bix-xbieha taż-żewġ Gran Mastri Cottoner li kienu konfratelli.

"Fiż-żewġt iġnub tal-bieb prinċipali tal-oratorju hemm żewġ armarji li jissakru b'żewġ ċwievet kull wieħed, waħda li tinżamm mir-Rettur u l-oħra mis-Segretarju. Mill-atti tal-vista li saret madwar s-sena 1770, jidher li waħda miċ-ċwievet kien iżomma s-Segretarju.

"Hemm gallarija u orgni, u f'nofs il-paviment hemm il-post tad-difna bil-bieb tal-injam maqful b'muftieħ.

"Hemm il-qabar ta' Cesare Passalacqua (benefattur kbir tal-Karmnu), b'din l-iskrizzjoni: *'Hic pater, hic mater, hic unica proles iacent, non tres tamen, sed una cinis, una pulvis, et sicut uno vixerunt corde, sic uno in saxo, uno animis nexu, una in quem fruentur pace – Cesare Passalacqua, vivens pro se, et Maria conjuge, ac Giovanna figlia, defunctis pro orans(?) posuit anno domini 1600(?). H.M.H.N.J.'"*[3]

Il-kliem ta' din l-iskrizzjoni, illum mitlufa, huma fost l-isbaħ li qatt qrajt.



Il-Kwadru tal-Kunċizzjoni li kien jinsab fis-saqaf tal-Oratorju preżenti.

Passalacqua, Rettur tal-Konfraternità fit-13 ta' Lulju 1684 ta lill-fratellanza ċintill eċċezzjonali li għadu jeżisti sal-lum, b'28 rubini, ħames djamanti, 94 perli, maħdum f'biċċtejn, flimkien ma' żewġ brazzuletti tad-deheb, bil-gamewijiet u perli, u, erba' snin wara, 34 pezza drapp *catalosso*(?) aħmar u aħdar għat-tappezzerija.

Il-Konfraternità tal-Karmnu kellha proprjetajiet, investimenti u dħul qawwijin, imħabba legati mill-aktar ġenerużi mħollijin lilha minn fratelli jew nisa sinjuri li kellhom għal qalbhom il-Madonna tal-Karmnu u l-ġid li kienu jagħmlu l-fratelli tul is-snin. 'Il quddiem insemmi xi uħud mill-benefatturi ewlenija tas-seklu sbatax. Hemm ħafna oħrajn li ħallew flus jew xi oġġett ieħor biex iħallsu benefikat ta' darba. Fost tal-aħħar insibu l-pittur Ġiuseppe D'Arena li fil-1712 għamel rigal ta' żewġ pitturi għall-oratorju, u l-fratelli aċċettaw li jieħdu fuqhom id-difna tal-mara tiegħu meta tmut. Ftit wara, Ġiuseppe Maniscalco għamel donazzjoni ta' muftieħ tal-fidda għat-tabernaklu. Margherita Pussierghe (familja Franċiża li 'l quddiem għenet lill-Napuljun jieħu Malta) fl-1731 irregalat dublett tal-bellus aħmar bil-bizzilla tad-deheb, u wara sentejn, Andria Taljana ħallas għall-ħġieġa kbira għan-niċċa tal-oratorju. Saverio Bartolo ta żewġ kandelabri żgħar tal-fidda bil-











Inkwatri tal-Passjoni mogħtija minn numru ta' fratelli.

kundizzjoni li qatt ma jiġu mislufa lil ħadd jew jinħarġu mill-oratorju. Gregorio Fenech ippreżenta erba' gastri bil-fjuri tax-xema.

Imbagħad numru ta' fratelli taw xi inkwatri bejnithom: Fra Enrico Savona tal-Ordni ta' San Ġwann offra it-*Talba fil-Ġnien ta' Ġetsemane*, li kien id-dar tiegħu u l-fratelli kellhom jieħduh wara mewtu, u l-*Bewsa ta' Ġuda*, li kien għand Antonio Mifsud; Saverio Bartolo ta tliet kwadri: il-*Flaġellazzjoni*, il-*Kroċefissjoni* u l-*Addolorata*; il-kirurgu Gabriele Henin ta l-pittura tal-*Inkoronazzjoni bix-Xewk* li l-fratelli tawh lura, u minfloka, huwa mbagħad tahom waħda tal-pittur Gio Nicola Buhagiar. Fra Alfonso Pace ta l-kwadru tal-*Bajulazione* (ir-Redentur?). Saverio Bartolo rregala kwadru tal-*Madonna tal-Karmnu qed teħles l-erwieħ tal-purgatorju*, u Gioacchino Lucano ta żewġ ġwarniċi tal-injam indurat.

L-altar ta' S. Agnese, li kien ġjuspatronat tal-familja Burges, ġie mgħoddi minn Agnesa Burges lill-Konfraternità. Il-pala tirrappreżenta *Kurċifiss, Sant'Agnese u Sant'Andrea Corsino bil-ħwejjeġ ta' Isqof*. L-inkwatru ta' *Sant'Atanasju* kien "pittura Griega" (stil antik fuq sfond tad-deheb). Fil-1756 Raffalele Lombardo wiegħed li "kien ser jagħmel wieħed aħjar".

Fost benefikati oħra favur il-Konfraternità nsibu lill-Kommendatur Capece li fl-1694 ħallas għall-kuruni tal-fidda għall-Madonna u l-Bambin, ĠioBatta Boyer li ħareġ il-flus għat-taraġ tal-presbiterju, il-Kommendatur Orsini (?) li rregala teka tal-fidda li kien fiha biċċa mill-velu tal-Madonna, ċertifikata mill-Isqof Baladssar Gori Manċini; Don Alessandro Mangani, ir-relikwja ta' Sant'Antnin, Fra Enrico Savona, relikwarju insinji tal-fidda li kien fih biċċa injam mis-salib ta' Kristu. Il-Bali Alvaro Pinto fl-1723 bena l-faċċata u s- saqaf tal-oratorju a spejjeż tiegħu u r-Rettur Saverio Bartolo rregala tnax il-par brazzi tad-dawl għall-pilastri tal-oratorju.

Dun Ġużepp Azzopardi ta ventrartal tal-brokkat, Carmine Gioioso ta kwadru żgħir tal-fidda żbuzzata li juri lill-Madonna, b'gwarniċ tal-injam u ħa wkoll ħsieb biex jindura a spejjes tiegħu il-medaljun tar-Rettur. Il-Bali Pappalardo rregala tapit, Carlo Costa għamel il-fenestrun tal-orgni u żewġ brazzi oħra għall-pilastri u Lorenzo Mamo ta 24 fjurett u tnejn tal-ganutell. Pasquale Guido ħallas għall-erba' kandlieri, li ġew indurati a spejjes ta' Michele



Il-Pittura tal-Artal tas-Sagrament li ġie mgħoddi lill-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu.

Galdes. Fl-aħħar nett, diversi fratelli taw tletin kuruna tar-rużarju ħomor, Aloisio Vella ta tliet gwarniċi maħdumin bi skultura fina għall-karti tal-gloria ta' fuq l-altar, u donatur mhux imsemmi rregala ventrartal tal-brokkat tal-fidda fuq sfond rosa ċar.

Il-Konfraternità kienet ukoll tgħin lill-Patrijiet tal-Karmnu fil-bżonnijiet tagħhom. Ġie li kkontribwit flus. Fl-1651 ħarġet parti mill-ispiża biex tinbena l-knisja, fl-1716 sewwit l-orgni tal-knisja. Xtrat qanpiena ġdida fl-1753, u oħra mezzana fl-1772. Fl-20 ta' Awwissu 1752, il-fratelli taw il-vara ż-żgħira lill-kunvent, u ħallsu nofs l-ispiża "biex jiġi trasferit ir-rakkmu ta' pjaneta".

L-ewwel benefattriċi kbira tal-Konfraternità kienet is-Sinjura Diana Olivier li, bit-testment tagħha għand in-Nutar Ġio Aloisio Falzon tal-11 ta' Marzu 1643, ħalliet ħafna ġid, fi djar u flus, lill-Konfraternità. L-istess għamlet Suor Giulia Morales, fl-atti tan-Nutar Giuliano Felici tal-15 ta' Jannar 1653. Imma aktarx l-akbar laxxitu kien tas-Sinjura Agnesa Burges, fil-11 ta' April ta' sena wara, f'testment għand in-nutar Alessio Apap, bil-kundizzjoni li tindifen



L-Artal tas-Sagrament armat fil-festa bil-gandlieri u fjuretti tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu.

fil-kappella ta' Sant'Agnese fil-knisja tal-Karmnu. Fil-fatt hija mietet u ndifnet fejn xtaqet fit-22 ta' Awwissu 1654. Sena wara, fil-21 ta' Awwissu, insibu l-ewwel benefattur raġel, Giovanni Alard, b'testment għand in-Nutar Tommaso Agius, u warajh ġiet is-Sinjura Flavia Xiriha fl-20 ta' Jannar 1660.

Antonio Bencini, permezz tal-istess Nutar Felici, fil-5 ta' Awwissu 1669 ħalla b'testment legat importanti ferm lill-Konfraternità. Is-Sinjura Geronima Cachia u s-Sur Gio Maria Cauchi, għamlu l-istess, rispettivament permezz tan-Nutar Felici fit-28 ta' Awwissu 1672, u tan-Nutar Tommaso Agius, fit-18 (28?) ta' April 1676. Hemm ħafna legati oħra fis-seklu tmintax – l-akbar wieħed aktarx tas-Sinjura Maddalena Lo Re Cardona Schembri, bit-testment tagħha għand in-Nutar Domenico Girolamo Bonavita tal-20 ta' Novembru 1751. Jidher li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-benefatturi tal-Konfraternità kienu nisa, għalkemm il-Konfraternità kienet miftuħa għall-irġiel biss.

Fit-8 ta' April 1725, il-fratelli kienu waqqfu ukoll l-*Cassa Povertà* – il-membri kienu kull sena jħallsu somma żgħira li kienet tmur biex titqassam fost dawk il-fratelli li kienu jkunu tassew fil-bżonn u biex tieħu ħsieb id-difna ta' dawk li ma kellhomx biex iħallsu. Wieħed mid-dokumenti jsejħilhom "dawk il-fratelli tassew fqar, li jkunu waqgħu fi stat ta' miserja verament kiefra".

Bejnithom dawn il-legati kollha ħallew f'idejn il-fratelli numru kbir ta' binjiet u għelieqi mxerrdin ma' Malta kollha, flimkien ma' flus, investimenti u krediti, biex il-fratelli jużaw ir-renti tagħhom ħalli jsiru quddies suffraġju ta' ruħ t-testaturi jew qrabathom, għall-karità u fil-benefiċenza ta' min kien fil-bżonn. Il-legati ta' Agnesa Burges u ta' Lo Re Cardona, biex nagħtu eżempju, kellhom iservu biex, apparti l-quddisiet, bid-dħul tagħhom tingħata d-dota lil tfajliet fqar qraba tal-benefattriċi li jkunu waslu biex jiżżewġu. Ir-raġunament kien li xebba bla dota ma kinitx issib min jiżżewwiġha u għalhekk kienet taqa' fid-dnub jew fil-prostituzzjoni. Dawn il-faxxikoli fihom id-dettalji kollha tax-xebbiet li, sena wara sena, gawdew minn dawn il-*legati di maritaggio*.

Imma l-fratelli tal-Karmnu kienu anke jużaw xi flus li jdaħħlu mill-proprjetà, mill-investimenti u mill-miżati, għall-benefikati u tiżjin tal-oratorju u tal-knisja tal-Karmnu. Hekk, fit-27 ta' Settembru 1772 huma irregalaw qanpiena ġdida lill-kunvent, bil-kundizzjoni li l-patrijiet kellhom idoqquha, flimkien maż-żewġ qniepen minuri, fl-ottava tad-dfin ta' fratell u f'kull funzjoni tal-fratellanza. Fl-1808 ġie awtorizzat il-ħlas tal-ornamenti u bieb tar-ram tat-tabernaklu tal-artal il-ġdid tal-irħam maħdum minn Mastru Cardona għall-oratorju. Fl-1812 tħallas kurċifiss tal-fidda ġdid. Ftit wara, il-fratelli ivvutaw li jagħmlu ventartal tal-fidda, u xtraw il-linef tal-kristall, bin-nofs mal-patrijiet. Fl-1838 sar l-istandard il-ġdid, u fis-sena ta' wara ġie imsewwi l-orgni. Fil-1852 huma ordnaw l-*Via Crucis* minn Ruma.



Dettall tal-ventartal tal-fidda li jintrama fuq l-artal tas-Sagrament.

Is-sena 1813 kienet is-sena li rat pesta mill-aktar qalila li qatlet l-eluf. Meta din spiċċat, il-fratelli għamlu ġurnata penitenzi u purċissjoni ta' suffraġju għal ħuthom li mietu, sal-knisja tal-Kapuċċini, il-Furjana.

Fl-inventarju tal-oġġetti prezzjusi li sar fl-1774, insibu li kienu kustoditi fil-kaxxaforti, iċ-ċintill u ż-żewġ brazzuletti tal-filugran ta' Passalacqua, kuruna tad-deheb filugran u ħafna oġġetti u ġojjelli tal-fidda. Mhux ġol-

kaxxaforti, imma fl-oratorju, kienu il-'kannoli' tal-fidda għall-bandalora, għall-fanali tal-purċissjonijiet u għas-*'sorġentini'*, id-diademi tal-fidda bil-fosos għal fuq ras il-vara tal-Madonna u l-Bambin, lampier, kandlieri tal-fidda u ħafna oġġetti oħra, fosthom l-istandard *'d'armesino'* (ħarir ħafif imma b'saħħtu) kulur il-ġawhar, bil-bizzilla tal-ħajt tad-deheb fin, imħallas mill-fratelli bejniethom fl-1777.





Iċ-Ċintill ta' Passalacqua li jissemma fl-inventarju tal-1774.

Fit-13 ta' Frar 1822, il-Konfraternità għalqet mitejn sena ħajja, u saru ċelebrazzjonijiet kbar; tqassmu 300 ħobża lill-fqar, tpoġġiet mixgħela fuq il-faċċata tal-knisja, u skrizzjoni miktuba mill-Latinist rinomat Abate Don Luigi Rigord. "Il-knisja ġiet imżejna *pomposamente* bid-damask u l-linef", il-vara u s-Sagrament ġew esposti fuq l-altar maġġur, imżejjen b' 96 xemgħa mixgħulin, u saret quddiesa kantata bil-paneġirku bil-Malti mill-Kanonku Dun Paul Cauchi. Xi festi esterni kellhom jitħassru mħabba l-maltemp.

Kurjuża li fil-1861, meta nbniet il-knisja l-ġdida tal-Karmnu f'San Ġiljan, ir-Rettur tal-Konfraternità Dr Calcedonio Parnis talab lill-Papa l-permess li jittrasferixxi numru ta' quddisiet imħolli lill-fratellanza tal-Belt, għall-knisja l-ġdida.

Ir-reġistri fihom kurżitajiet oħra. Fit-12 ta' Novembru 1721 ġie deliberat li l-fratelli kellhom dejjem jilbsu żraben u kalzetti suwed meta jieħdu sehem fil-funzjonijiet. Fl-1807 ġie deċiż (biex ma jkunx hemm akkużi ta' preferenzi) li fil-funerali tal-fratelli kollha jiġu mixgħula għoxrin torċa ta' niċċa waħda, sitt xemgħat fuq l-artal, u fl-uffizju tal-mejtin il-mużika tigi esegwita *a falsobordone*, orgni u kuntrabaxx, bi tliet kantanti. Fil-purċissjonijiet, il-fratelli kellhom jiġu akkompanjati minn banda li titħallas ħames skudi u erba' tari, u mit-tnabar u l-fifri, li jitħallsu żewġ skudi u tmien tari.

Dan l-istudju qasir huwa intiż biss bħala *appetizer* ta' dak li fihom l-arkivji tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu. Nittama li xi ħadd jaqbad min fejn ħallejt jien.

© Giovanni Bonello, 2014

**Referenzi**

[1] Faxxikoli numru 148, 149-150, 157, 158.

[2] Achille Ferris, *Chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866, p. 221.

[3] Fuq Cesare Passalacqua ara Carmel Cassar, *Sex, Magic and the Periwinkle*, Malta, 2000, u Francesca Balzan "The Passalacqua chain" in *Celebratio Amicitiae* (Ed. Maroma Camilleri, Theresa Vella), Malta, 2006, pp. 237 – 242.